**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta , 16 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 174/18 AGV**

A

vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti , ipprezentat fl-10 ta' April, 2018 li permezz tieghu , ippremettiet , u talbet is-segwenti:-

Illi l-esponenti , kienet izzewwget lill-intimat , nhar it-12 ta' Lulju, 2003.

Illi minn tali zwieg huma kellhom tifel , bl-isem ta' C , li twieled nhar l-20 ta' April , 2004 u , li ghalhekk ghadu minorenni.

Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja datata , 30 ta' Mejju, 2013 (vide Dok A).

Illi l-partijiet ilhom ghalhekk separati legalment aktar minn erba' snin u ilhom *de facto* sseparati minn xulxin sa minn Settembru 2011 meta l-intimat qala' l-kuntatt kemm mar-rikorrenti kif ukoll ma' binha sallum.

Illi r-rikorrenti ma tara li hemm l-ebda prospett ragonevoli illi l-partijiet jistghu jirrikonciljaw.

Illi minkejja li permezz tas-sentenza succitata gie ordnat lill-intimat illi jhallas manteniment, tali hlas qatt ma sar u r-rikorrenti peress li sallum ghadha ma tafx x'sar mill-intimat u qatt ma setghet tiehu passi kontrih. Tant hu hekk, li fil-passat kienu jkunu l-membri tal-Pulizija stess li jsaqsuha jekk tafx fejn jinsab ghaliex anke huma ma setghux jintraccjawh. Ghalhekk f'dan ir-rigward ir-rikorrenti qiedgha tirrinunzja ghall-arretrati tal-manteniment dovut mill-intimat.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara illi z-zwwieg ta' benjha u l-intimat huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat li l-intimat, minkejja li gie debitament notifikat baqa' ma pprezentax risposta.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrent irnexxielha tissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruvat illi l-partijiet ilhom sseparati legalment ghal aktar minn erba' snin, skond sentenza ta' separazzjoni tat-30 ta' Mejju, 2013 – Rik. Nru. 100/11 fl-ismijiet A vs B.

Illi r-rikorrenti ppruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**